MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2012

Appell Kriminali Numru. 195/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. A.P. Miruzzi)**
**Vs**
**Maurice Mario Grupetta**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghan-nom u in rapprezentanza ta' Euro Shops Ltd, u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjed skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, naqas sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (14) id-denunzja li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fil-31 t'Ottubru, 2005 sal-31 t'Ottubru, 2008 u dan bi ksur tal-artikoli 27 u 76(c) u 82(2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-4 ta’ Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 27, 76(c) u 82 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu w ikkundannatu multa ta’ seba’ mitt Euro (€700).
Il-Qorti b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 76 tal-Kap. 410 ordnat lill-appellant sabiex fi zmien tlett xhur jikkonforma ruhu mal-ligi w fin-nuqqas jehel multa ohra ta’ hmistax il-Euro (€15.00) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 ta’ Gunju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuzi migjuba kontrih, u tilliberah minn kull kundanna w piena nflitta in konnessjoni ma’ dawn l-akkuzi, w dana filwaqt illi tordna kwalunkwe provvediment iehor illi jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi, jew li subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, f’kaz li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, li tapplika piena aktar ekwa w gusta ghac-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti w cioe':-
Illi l-prosekuzzjoni ma ppresentat ebda prova li tirrigwarda n-notifika tieghu tal-avviz imsemmi fl-imsemmi artikolu w lanqas ma ppresentaw n-notifika tal-avvizi relattivi tad-denunzji kollha li gew presentati mill-appellant. Dan huwa difett fatali ghall-akkuzi dedotti ghaliex hija b’din in-notifika li jiskatta l-artikolu – bil-konsegwenzi kollha horox tieghu. F’dan il-kaz din hija aktar u aktar serja minhabba l-fatt li l-indirizz tas-socjeta in kwistjoni nbidel, il-Vat office gie nfurmat b’dan u ebda notifika ma ntbaghtet la fl-indirizz l-antik u wisq inqas fl-indirizz il-gdid.

Subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, l-akkuza hija stradata tali li l-appellant naqas li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (14) id-denunzja li saru dovuti fil-perjodu li ntemmu fil-31 t'Ottubru, 2005 sal-31 t'Ottubru, 2008.
Ghalhekk il-bazi fattwali tal-prosekuzzjoni hija li l-appellant naqas li jippresenta erbatax id-denunzja. Irrizulta bhala fatt li effettivament l-appellant ppresenta dawn id-denunzji whud minnhom bla hlas ohrajn bi hlas. Indipendentement mill-fatt jekk dawn id-denunzji jiswewx ghaliex bi hlas jew le (u dwar dan din il-qorti hija mitluba tezamina ghal darb'ohra l-operat ta' din il-ligi fis-sens li l-punt tal-hlas qatt ma gie enfasizzat ma' min ghandu jippresenta l-avvizi) huwa fatt li l-akkuza hija marbuta mal-presentata ta' erbatax il-avviz – gahlhekk, l-appellant jargumenta, galadarba gew presentati whud minn dawn l-avvizi, dan ghandu jigi rifless ahjar fil-piena relattiva.
Il-prosekuzzjoni hija issa sodisfatta minn necessitajiet klerikali relatata mal-gbir tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Il-formuli gew presentati, nafu xirid jithallas, u ammont ta' hlas gja sar. Il-Qorti trid tinfliggi naturalment il-pieni stabbiliti izda, dawn il-piena ghandhom ikunu tali li jirriflettu sewwa dak lit rid il-ligi. Il-pieni ma ghandhom ikunu qatt tali li jwaqqfu lill-appellant milli jottempera ruhu mal-ligi. Il-multa ta' €15 per diem sakemm isir il-hlas kollu dovut fuq l-avvizi presentati hija, bir-rispett, hija eccessiva. Hija eccessiva billi hija tali li taghmilha difficli ghall-appellant li jottempera ruhu ma dak minnu mitlub. Hawn l-appellant qed jilmenta mhux fuq il-fatt li gie mmultat izda fuq ir-ragunament proprju li jwassal ghal din il-multa. Min irid li t-taxxa tithallas (li hija wara kollox ir-raison d'etre ta' din il-ligi) ma jistax jimponi multa gholja z-zejjed.

Rat il-verbal tal-15 t'Ottubru ta' l-2012 (fol 31) li fih li l-Avukat Generali ecepixxa n-nullita tar-rikors ta' l-appell minhabba n-nuqqas ta' fatti msemmija fir-rikors, skond l-Artiklu 419 (1 A) tal-Kodici Kriminali. Semghet it-trattazzjoni ta' l-Avukat Difensur u ta' l-Ufficcjal Prosekutur dwar din l-eccezzjoni preliminari.

Ikkunsidrat:

L-Artiklu 419 (1) tal-Kodici Kriminali jghid li r-rikors, minbarra mill-indikazzjoni komuni ghal-Atti Gudizzjarji, ghandu jkun fih, taht piena ta' nullita:

a) Il-fatti fil qosor
b) Ir-ragunijiet ta' l-appell
c) It-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-Qorti Inferjuri.

F'dan il-kaz l-Avukat Generali qieghed jecepixxi illi r-rikors ta' l-appell huwa nieqes kompletament mill-espozzizjoni tal-fatti fil-qosor.

Ikkunsidrat:

Minn ezami akkurat tar-rikors ta' l-appell jidher illi l-Avukat Generali ghandu ragun. L-espozizzjoni tal-fatti huma neqsin kompletament u l-appellant ghadda mal-ewwel biex jelenka l-aggravji tieghu u ghamel it-talba. Dan in-nuqqas iwassal direttament ghan-nullita tar-rikors. Fil-fatt, il-kawza 'Il-Pulizija vs Joseph Said' deciza fil-25 ta' Lulju 1994, ikkowtata mill-istess Avukat Generali, il-Qorti qalet li r-rikors ta' l-appell ghandu jkun fih espozizzjoni tal-fatt saljenti u essenzjali tal-kawza, esposti b'mod car u komplet b'mod li l-kontro parti tkun tista' tifhem fuq xiex ghandha tiddefendi ruhha jew tittratta, u b'mod li l-Qorti tkun tista' ssegwi sewwa l-izvolgiment tal-kaz u tillimita id-dibattitu ghal dak li huwa bzonjuz u tirrikjedi l-iskjaramenti mehtiega.

Ghalhekk ma jkunx sodisfatt il-vot tal-Ligi jekk il-fatti ikunu sparpaljati b'mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwhom. Mhux il-kompitu tal-Qorti illi toqghod tiprova tispigola l-fatti mill-aggravji jew vice vesa. F'dan il-kaz, l-espozzizjoni tal-fatti hija karenti ghal kollox u m'huwiex kompitu ta' din il-Qorti illi tiprova taghmel tajjeb ghan-nuqqas ta' l-appellant.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-Avukat Generali, tiddikjara l-appell irritu u null u konsegwentement ma tiehux konjuzzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------